MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 4/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Borg talli fix-xahar ta’ Gunju 2006 meta hekk ordnat b’digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja permezz ta’ digriet 1659/2003 datat 2 ta’ Jannar 2006, naqas li jaghti lil martu Mariella Borg dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha u/jew ghal wild minuri liema somma tammonta ghal Lm150;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrick Borg hati ta’

l-imputazzjoni dedotta kontrieh u kkundannatu ghal detenzjoni ghal zmien xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Patrick Borg ipprezentat fis-16 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tillberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, f’kaz li ma jigix milqugh dan l-appell, li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena anqas harxa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-imputazzjoni qatt ma setghet tigi ppruvata peress dak li gie kwotat bhala digriet numru 1659/2003 huwa n-numru tar-rikors filwaqt illi n-numru tad-digriet huwa 1521/2003. Inoltre anke d-data tad-digriet giet indikata hazin fic-citazzjoni; (2) il-piena hi esagerata.

Dwar l-ewwel aggravju jrid jinghad illi mill-atti jirrizulta illi d-digriet li permezz tieghu l-appellant gie ordnat li jhallas il-manteniment lil martu jinsab indikat bhala digriet numru 1659/2003 (ara fol. 10 u fol. 11 ta’ l-atti ta’ l-appell numru 5/07). In-numru citat mill-appellant 1521/2003 huwa, kuntrarjament ghal dak li jghid l-istess appellant, in-numru tar-rikors (ara fol. 13 ta’ l-atti ta’ l-appell numru 5/07).

Kwantu ghad-data, huwa minnu li fic-citazzjoni gie indikat mill-prosekuzzjoni li d-data tad-digriet imsemmi huwa “datat 2 ta’ Jannar 2006”. Li dan huwa inkorrett huwa evidenti anke mill-fatt li d-digriet imsemmi huwa tas-sena 2003. Barra minn hekk din il-Qorti tosserva illi anke l-isem tal-Qorti gie ndikat hazin peress li d-digriet imsemmi nghata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u mhux mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja.

Tajjeb hawn li jitfakkar, pero`, dak li gie kostantement deciz dwar in-natura tac-citazzjoni u f'dar-rigward huwa ghalhekk rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi**

**ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticit`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”**

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**“Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”**

Fil-kaz in ezami m’hemmx dubju li l-fatti tal-kaz huma ben spjegati. Difficilment jista’ wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-appellant ma setax ikun jaf dwar liema digriet huwa gie akkuzat li ma osservax. In-numru moghti tad-digriet huwa korrett. U l-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti u kellu l-opportunita` li jiddefendi ruhu.

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li jqis bhala esagerata f’cirkostanzi fejn jallega li dak li qed taghmel il-mara tieghu mhuwix ghaliex ghandha bzonn il-flus izda biex tivvendika ruhha mill-appellant.

In materja ta’ piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Izda kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Fil-kaz in ezami ghandu jigi kkunsidrat illi l-appellant hallas il-manteniment dovut u li dwaru saru dawn il-proceduri u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha kwantu ghall-htija (b'dan illi l-isem tal-Qorti ghandu jinqara bhala **Sekond'Awla tal-Qorti Civili** u d-data tad-digriet 1659/2003 ghandu jinqara **29 ta' Ottubru 2003**), izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal detenzjoni ghal perijodu ta' xahrejn u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) li ghandha tithallas skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------